# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 18**

**Rikors numru 526/12 SM**

**Helen Vella, Antoinette Debono, it-Tabib Gunther Abela u t-Tabib Jurgen Abela**

**v.**

**Mario Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-atturi tal-25 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu nghad:

"1. Illi l-mejta Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella kienet proprjetarja tan-nofs (1/2) indiviz tal-fond bin-numru sbatax (17), Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara filwaqt illi n-nofs (1/2) indiviz ta' l-istess fond kien ghadu proprjeta` ta' l-attrici Antoinette Debono.

"2. Illi Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella mietet fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (**Dok. HV1**) u s-successjoni taghha hija regolata b'testment unica charta fl-atti tan-Nutar Marthese

Felice tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u dan kif jirrizulta mir-ricerki testmentarji hawn annessi u mmarkati bhala **Dok. HV2** u **Dok. HV3**.

"3. Illi kif ordnat fis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti moghtija fis-6 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet *Helen Vella et vs. Mario Vella et* [Rikors Guramentat Numru 1288/2010] (**Dok .HV4**), permezz ta' kuntratt tal-15 ta' Novembru 2011 fl-atti tan-Nutar Timothy Ellis (**Dok. HV5**), l-atturi Helen Vella, Gunther Abela u Jurgen Abela gew imissi fil-pussess tal-legati lilhom imhollija permezz tat-testment ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella tas-17 ta' Marzu 2010 konsistenti dawn il-legati fi 1/12 indiviz tal-fond bin-numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara lill-attrici Helen Vella u 1/12 indiviz ta' l-istess fond lill-atturi Gunther u Jurgen Abela flimkien.

"4. Illi permezz tat-testment taghha tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (**Dok. HV6**) it-testatrici Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella halliet sest (1/6) indiviz tal-fond bin-numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara lill-konvenut Mario Vella u permezz tat-tieni (2) Artikolu tat-testment taghha halliet lill-istess konvenut Mario Vella *legato di cosa altrui* konsistenti fl-uzu u l-uzufrutt ta' l-intier ta' l-istess fond wara li ddikjarat li taf li l-fond ma jappartjeniex kollu lilha.

"5. Illi skond it-tmien (8) artikolu ta' dan it-testment tas-17 ta' Marzu 2010, il-konvenut Mario Vella huwa l-**uniku** eredi tat-testatrici Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella.

"6. Illi billi l-konvenut Mario Vella huwa l-eredi wahdieni tat-testatrici Maria Concetta maghrufa bhala Connie Vella dan il-*legat di cosa altrui* ma jorbotx lill-komproprjetarja tan-nofs (1/2) indiviz l-iehor ta' l-istess fond li ma hijiex eredi universali tat-testatrici.

"7. Illi ai termini ta' l-Artikolu 696 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta *"il-werriet jista' jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex jghaddiha lil-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha."*

"8. Illi l-konvenut Mario Vella ma pprokura ebda dritt ta' uzu u uzufrutt ghar-rigward tan-nofs indiviz l-iehor tal-fond bin-numru sbatax (17), Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara u ghalhekk ma ghandux dritt ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier ta' l-istess fond, ta' liema fond l-atturi huma komproprjetarji.

"9. Illi l-konvenut qed jippretendi illi bis-sahha tal-*legato di cosa altrui* huwa ghandu dritt ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-fond bin-numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara minnu okkupat.

"10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

"i. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ma ghandux dritt ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-fond bin-numru sbatax 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara; u

"ii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ma ghandux titolu validu fil-ligi sabiex jokkupa l-istess fond;

"B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 2012 kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut Mario Vella tal-11 ta' Lulju, 2012, li permezz taghha eccepixxa:

"1. Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hija nulla u dan peress illi r-rikorrenti ma jistghux jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimat m'ghandux dritt validu sabiex jokkupa l-fond bin-numru sbatax (17), Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara permezz tal-azzjoni odjerna, u dan ghaliex l-esponenti, bhala eredi universali wiret kull dritt li kellha martu fuq l-imsemmija proprjeta` u ghalhekk l-azzjoni kif tentata hija ghal kollox insostenibbli.

"2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju it-talbiet kif imposti fir-rikors promotur ma jistghux iwasslu ghal gudizzju integru minhabba nuqqas ta' kjarezza, jew inkorretezza u inkompletezza fl-imposizzjoni tat-talbiet u ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti kif imposta ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra taghhom.

"3. Illi wkoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, l-azzjoni tar-rikorrenti hija ntempestiva u hija biss frott tal-pika u l-intenzjoni taghhom li jaghmlu l-hajja tal-intimat mill-aktar difficli possibli wara l-mewt ta' martu li tigi oht uhud mir-rikorrenti u z-zija tal-ohrajn, kif ser jigi spjegat fid-dettal fil-mori tal-kawza u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

"4. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-esponenti ghandu titolu validu sabiex jokkupa il-fond bin-numru sbatax (17), Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara, liema fond kien ir-residenza matrimonjali tieghu u tal-mibkija martu, u li tieghu huwa ko-proprjetarju mar-rikorrenti, u kif

ukoll ghandu *'legato di cosa altrui'* validu fil-ligi ghall-uzu u uzufrutt fuq il-bqija tal-fond.

"5. Illi dejjem minghajr pregudizzju, fir-rigward ta' l-ewwel talba, l-konvenut jew intimat wiret dan id-dritt ai termini tat-testment imsemmi mill-atturi tas-sbatax (17) ta' Marzu elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice LL.D., liema testament mhux talli ma giex ikkontestat, talli gie accettat minn tlieta (3) mir-rikorrenti li sahansitra pprezentaw kawza ghall-immissjoni fil-pussess u li diga giet deciza u segwita b'kuntratt publika, u l-attrici l-ohra, Antoinette Debono, ukoll prezentat kawza fl-ismijiet Antoinette Debono vs Mario Vella (Rikors Guramentat numru 780/2011) pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta li fiha qeghda hija wkoll titlob l-ezekuzzjoni ta' dan l-istess testment u ghalhekk ir-rikorrenti jew l-atturi kollha irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu li t-testment jigi dikjarat null.

"6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, peress li t-testarici kient is-sid ta' parti mill-fond in kwistjoni, id-drittijiet naxxenti minn dak is-sehem li kellha t-testatrici huma ghal kollox indipendenti mill-bqija tal-*'legato di cosa altrui'*, u ghalhekk l-esponenti ghandu dritt sabiex jokkupa l-istess post.

"7. Illi ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ma ghandiex tigi milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

"8. Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha u b'riserva li jipprezenta eccezzjonijiet ohra jekk jkun il-kaz, l-intimat jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra taghhom, li minn issa huma kollha ngunti in subizzjoni.

"B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti kontra r-rikorrenti."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' April, 2014, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet ir-risposti kollha tal-konvenut Mario Vella, irrespingiet it-talbiet kollha tal-atturi. Bl-ispejjez kif dedotti fir-risposta tal-konvenut kontra l-atturi.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

“11.1. Illi wara perjodu ta’ madwar sena u nofs jiffrekwentaw regolarment lill-xulxin l-intimat Mario Vella u l-mejta Connie Vella izzewgu regolarment;

“11.2. Illi dan iz-zwieg sehh wara li l-istess protagonist ikkjarifika xi kwistjonijiet li setghu jezistu minhabba d-diversita` fl-eta` taghhom specjalment peress li l-istess Connie kienet akbar u setgha jkun hemm il-possibilita` li ma jkunx hemm tfal fiz-zwieg, (ara fol 96 paragrafu numru erbgha (4));

“11.3. Illi fuq suggeriment tal-istess Connie Vella u wara li l-intimat accerta ruhu li ma kienx hemm oggezzjonijiet minn hut l-istess Connie, specjalment minn ohtha Antoinette, iddecidew li jmorru jabitaw fl-istess dar li fiha kienet tghix l-istess Connie flimkien ma ohtha Antoinette, (ara fol 97 paragrafu numru tmienja (8));

“11.4. Illi konsegwenza tal-istess decizjoni partikolari riferita fil-paragrafu precedenti l-konjugi Vella li issa bdew jabitaw fil-fond meritu ta’ din il-procedura fuq gia` riferit, bdew jeffettwaw diversi xoghlijiet fl-istess fond biex jirrenduh ahjar u aktar vijabbli ghall-abitazzjoni;

“11.5. Illi dawn ix-xogholijiet strutturali l-istess konjugi Vella ghamluhom minn jeddhom u hallsu huma ghall-ispejjez kollha involuti, (ara fol 97 paragrafu numru disgha, (9));

“11.6. Illi tul iz-zwieg tal-intimat u martu Connie jirrizulta li kien hemm relazzjoni tajba mal-kontendenti odjerni;

“11.7. Illi meta oht Connie, Antoinette, kien ikollha bzonn xi haga ghad-dar fejn kienu lkoll jabitaw flimkien, dan kienu jaghmlu tajjeb ghalih l-istess konjugi Mario u Connie Vella, (ara fol 97 paragrafu numru tnax, (12)), u dan, apparti li ghamlu tajjeb ghall-affarijiet ohra a favur tal-istess Antoinette, (ara fol 98 paragrafu numru tlettax, (13));

“11.8. Illi mill-paga percepita fiz-zwieg mill-istess intimat, martu Connie kienet tamministra, l-ispejjez u l-bzonnijiet kollha tal-istess dar, inkluza dawk koncernanti lill-ohtha Antoinette, (ara fol 99 paragrafu numru tmintax, (18));

“11.9. Illi l-problemi zviluppaw bil-mewt tal-imsemmija Connie fil-5 t’April, 2010, (ara fol 99), u s-sitwazzjoni malajr ipprecipitat u wasslet sal-punt odjern fejn jirrizulta li hemm diversi kawzi bejn il-kontendenti;

"Ikkunsidrat:

"12.0. Illi skond it-testment *unica charta* tal-imsemmija Connie Vella flimkien mal-intimat Mario Vella in atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice datat is-17 ta' Marzu, 2010, jirrizulta s-segwenti:

> "12.1. Illi l-intimat Mario Vella inghata bhala prelegat l-uzu u l-uzufrutt tar-residenza intiera taghha (Connie), numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara, bl-ghamara u bl-attrezzatturi, sakemm jibqa' armel;
>
> "12.2. Illi l-istess testatrici Connie Vella iddikjarat ukoll li hi kienet taf li l-fond *de quo*, l-ghamara u l-attrezzaturi indikati ma kienux jappartjenu kollha lilha, pero` iddikjarat:
>
> "… illi dan il-prelegat ikollu l-pjen effett tieghu";

"Ikkunsidrat:

"13. Illi ghandu jinghad, anke minhabba l-proceduri fuq riferiti rigwardanti l-immissjoni fil-pussess, (ara l-azzjonijiet riferiti mill-istess intimat a fol 38 u fol 139), li kien hemm diversi proceduri naxxenti mir-realta` hawn riskontrata;

"14. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jinstabu fil-posizzjoni ambigwa li f'din il-procedura qed jattakkaw il-validita` tat-testment *unica charta* fuq riferit, mentri f'kawzi ohra minnhom intavolati jsostnu l-integrita` tal-istess;

"Ikkunsidrat:

"15. Illi t-testment tas-17 ta' Marzu, 2010, ma jirrizultax li gie b'xi mod attakkat mir-rikorrenti u ghalhekk il-validita` tieghu bl-ebda mod ma giet attakkata;

"16. Illi ghalhekk ma jirrizultax li l-intimat m'ghandux titolu validu fil-ligi biex jokkupa il-fond meritu ta' din il-vertenza, *molto piu`* meta jirrizulta li z-zwieg bejn l-imsemmija Mario u Connie Vella ma kienx wiehed ta' konvenjenza, izda kollox juri li kien zvilupp naturali u serju ta' zewg persuni maturi fl-eta` u konsegwentement ibbazat fuq konsiderazzjonijiet maturi;

"17. Illi fir-redazzjoni tat-testment *unica charta* ma jirrizulta xejn losk u subdolu li jimmerita x-xoljiment awspikat mir-rikorrenti;

"18. Ilil r-relazzjoni *de quo* kienet wahda trasparenti li kellha wkoll il-barka tal-istess familjari li llum qed jaraw is-sitwazzjoni b'mod differenti;

> “19. Illi kien biss ghal mewt pjuttost prematura ta’ mart l-intimat u ghall-eta` relattivament izghar tal-istess intimat li holqu is-sitwazzjoni pjuttost anomala li llum qed jiffaccaw ir-rikorrenti;
>
> “Ikkunsidrat:
>
> “20. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ma tara li ghandha xejn x’ticcensura fl-operat tal-intimat;”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ April, 2014, u minflok tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut appellat Mario Vella, li permezz taghha talab li din il-Qorti tichad ir-rikors tal-appell tal-atturi u tikkonferma l-gudizzju tal-ewwel Qorti tal-24 ta’ April, 2014, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-imsemmija atturi.

Rat li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza wara li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza titratta talbiet tal-atturi appellanti sabiex jigi dikjarat li (i) l-konvenut m'ghandux dritt ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-fond bin-numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara u (ii) li m'ghandux titolu validu sabiex jokkupa l-fond.

Il-konvenut appellat laqa' ghall-azzjoni attrici billi fost affarijiet ohra wiegeb li ghandu titolu validu sabiex jokkupa l-fond in kwistjoni peress li huwa ko-proprjetarju flimkien mar-rikorrenti, kif ukoll ghandu *legato di cosa altrui* validu fil-ligi ghall-uzu u uzufrutt fuq il-bqija tal-fond in kwistjoni. Il-konvenut appellat jikkontendi wkoll li huwa akkwista d-drittijiet tieghu in forza tat-testment tas-17 ta' Marzu, 2010, fl-atti tan-Nutar Marthese Felice, liema testment ma giex ikkontestat anzi gie accettat tant li saru l-kawzi fil-konfront tieghu ghall-immissjoni fil-pussess u ghall-ezekuzzjoni tal-istess testment.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tal-atturi u laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut. L-atturi hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew dan l-appell.

L-appell tal-atturi jissejjes fuq l-aggravju principali li l-ewwel Qorti ma indirizzatx il-kwistjonijiet legali opportuni, in kwantu warrbet ghal kollox l-argumenti legali taghhom u sejset id-decizjoni taghha fuq konsiderazzjonijiet li ma kellhomx x'jaqsmu mal-vertenza u ghalhekk

isostnu li ghamlet apprezzament legali zbaljat. Jikkritikaw is-sentenza appellata sa fejn cahdet it-talbiet attrici fuq il-premessa zbaljata li l-vertenza odjerna kienet b'xi mod titratta l-validita` tat-testment *unica charta* ta' Connie Vella, kif ukoll l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti rigward il-komportament ta' Mario Vella u li ma kellha xejn x'ticcensura fir-rigward. L-atturi appellanti jishqu li huma la attakkaw il-validita` tat-testment u lanqas kellhom ghalfejn jattakkaw il-validita` tal-istess testment, izda li kienu qeghdin jitolbu huwa li l-*legat di cosa altrui* fl-Artikolu 2 tat-testment ta' Connie Vella ma jaghtix dritt ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-fond kif pretiz mill-konvenut Mario Vella.

L-atturi appellanti jikkontendu li l-*legato di cosa altrui* li ghamlet it-testatrici Connie Vella fl-Artikolu 2 tat-testment taghha tas-17 ta' Marzu, 2010, ma jistax jippregudika l-posizzjoni ta' proprjetarja tan-nofs indiviz l-iehor tal-fond, cioe` l-attrici Antoinette Debono, peress li hija mhix eredi ta' Connie Vella u ghalhekk jigi argumentat li hija mhix marbuta bl-Artikolu 2 tal-imsemmi testment. Jinghad li l-unici drittijiet naxxenti mill-*legato di cosa altrui* favur tal-konvenut appellat Mario Vella huma dawk sanciti fl-Artikolu 696 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi jargumentaw li ladarba l-konvenut appellat huwa kemm il-beneficcjarju tal-*legato di cosa altrui,* kif ukoll il-werriet universali ta' Connie Vella, jinkombi lill-istess konvenut appellat li jipprova jakkwista l-legat tal-uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-fond minghand il-proprjetarja tan-nofs indiviz l-iehor, jew jekk ma jirnexxilux, li

jhallas lilu nnifsu l-valur ta' dan id-dritt. Jinsistu li l-appellanti Antoinette Debono m'ghandha ebda obbligu li toffri ghall-bejgh jew titrasferixxi n-nofs indiviz taghha lill-konvenut jew li tikkoncedi xi drittijiet fuq il-proprjeta` taghha, peress li hija mhix l-eredi ta' Connie Vella.

Jinghad ukoll li *legato di cosa altrui* ma jaghtix dritt lill-konvenut appellat ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-fond kif pretiz minnu u ghalhekk m'ghandhux titolu validu fil-ligi biex jokkupa l-fond. Il-konvenut appellat huwa ghalhekk biss komproprjetarju tal-fond fis-sehem ta' sest indiviz. Inoltre jinghad ukoll li, l-appellanti Antoinette Debono akkwistat is-sehem ta' nofs indiviz taghha sa mis-sena 1988, meta l-appellat Mario Vella ma kienx fit-tgawdija tal-fond u ghalhekk l-okkupazzjoni tieghu tal-fond ma sehhitx qabel ma nholoq l-istat ta' komproprjeta` fil-fond mertu tal-kawza. Jishqu li l-konvenut appellat kien qieghed jokkupa l-fond mertu tal-kawza minghajr titolu validu u b'mera tolleranza, meta l-attrici Antoinette Debono kienet bil-buona grazzja ppermettiet illi l-konvenut appellat jghix fil-fond mertu tal-kawza, wara li huwa zzewweg lil ohtha Connie u dan fuq bazi ta' familjarita`, kwindi ma nholoq ebda dritt ta' okkupazzjoni u wisq inqas xi dritt reali ta' uzu u uzufrutt favur il-konvenut appellat fuq l-intier tal-fond, kif jippretendi l-konvenut appellat. Ghalhekk, l-atturi appellanti jikkontendu li l-motivazzjoni tal-ewwel Qorti kienet zbaljata u t-talbiet taghhom kellhom jintlaqghu.

Fir-risposta tal-appell tal-konvenut appellat jinghad li l-evalwazzjoni tal-ewwel Qorti kienet korretta peress li l-atturi ma setghux jikkontestaw il-validita` tat-testment fil-proceduri odjerni, meta f'proceduri separati talbu l-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija lilhom. Min jiehu beneficcju minn testment u jitlob l-applikazzjoni tieghu ma jistax wara jattakkah. Il-konvenut appellat jikkontendi li l-istess regoli ghall-accettazzjoni ta' eredita` japplikaw ghall-accettazzjoni ta' legat u ladarba l-atturi appellanti accettaw il-legat imholli lilhom, tant li talbu l-immissjoni fil-pussess tal-istess, ma jistghux wara jattakkaw l-validita` tat-testment. Dan peress li huwa gurisprudenzjalment accettat li min jaccetta eredita` testata huwa obbligat jirrispetta d-disposizzjonijiet kollha tat-testment. Jishaq li l-ewwel Qorti fehmet il-punt legali u indirizzatu. Il-konvenut appellat jargumenta li ladarba l-artikolu tat-testment in ezami, sar kif jitlob l-Artikolu 696 tal-Kodici Civili, in kwantu t-testatrici indikat korrettement li kienet taf li d-dar u l-mobbli ma jappartjenux kollha lilha, pero` xorta wahda riedet li dan il-prelegat ikollu l-pjen effett tieghu, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Ladarba t-testment gie formulat kif titlob il-ligi, il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-appellanti dwar il-validita` tal-*legato di cosa altrui* huma zbaljati. Jinghad ukoll mill-konvenut appellat li l-attrici appellanti Antoinette Debono hija legatarja ai termini tat-testment in ezami u hija wkoll intavolat azzjoni sabiex tigi immessa fil-pussess ta' dawn l-istess legati u bhala legatarja accettat il-wirt tad-decujus. Kwindi jargumenta li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizzju taghha.

Trattati l-punti li jehtieg li jigu determinati f'dan l-appell, jitqies opportun li jigu precizati numru ta' fatti rizultanti mill-atti. L-attrici appellanti Antoinette Debono flimkien ma' ohtha Connie (il-mara tal-konvenut appellat li llum tinsab mejta) kienu akkwistaw il-proprjeta` bin-numru 17, Triq Francesco Saverio Caruna, Birkirkara, in parti permezz ta' wirt tal-genituri taghhom u in parti permezz ta' kuntratt ta' bejgh tal-24 ta' Frar, 1988, fl-atti tan-Nutar Marthese Felice, meta akkwistaw l-ishma ta' huthom fuq l-imsemmija proprjeta`, sabiex b'hekk kellhom sehem indiviz ta' nofs kull wiehed.

Huma kienu joqoghdu fl-imsemmi fond li trabbew fih. Gara li wara li Connie zzewget lill-konvenut appellat Mario Vella, dawn marru joqoghdu fl-imsemmi fond flimkien ma' Antoinette Debono u dan bil-kunsens taghha. Permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Marthese Felice tas-17 ta' Marzu, 2010, Connie nnominat lil zewgha Mario Vella bhala l-uniku eredi taghha, b'dan illi ghamlet ukoll xi legati, fosthom sehem indiviz ta' 1/12 fuq l-intier tal-imsemmi fond lil ohtha Helen Vella, sehem indiviz ta' 1/12 mill-intier lil huha Moses Debono, sehem indiviz ta' 1/12 mill-intier lin-neputija taghha Maureen mart Martin Farrugia, sehem indiviz ta' 1/12 lin-neputijiet taghha Gunther u Jurgen Abela bejniethom u sehem indiviz ta' 1/6 lil zewgha, il-konvenut appellat Mario Vella. Inoltre t-testatrici halliet b'titolu ta' prelegat lil zewgha Mario Vella l-uzu u l-

uzufrutt tal-intier tad-dar tar-residenza taghha numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara, b'dan iddikjarat li ghalkemm taf li din ma kenitx tappartjeni kollha lilha, xorta esprimiet ix-xewqa li jinghata effett lil dan il-prelegat u li dan il-prelegat jigi rispettat minn ohtha Antoinette Debono u mill-eredi tal-istess ohtha.

L-atturi f'din il-kawza Helen Vella, Gunther Abela u Jurgen Abela fethu kawza ohra fil-konfront tal-konvenut Mario Vella (Rikors Guramentat 1288/2010) li gew konkluzi fis-6 ta' Ottubru, 2011, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici ghal immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija lilhom konsistenti f'sehem indiviz ta' 1/12 fuq l-intier tal-imsemmi fond lil Helen Vella u f'sehem indiviz ta' 1/12 fuq l-intier tal-imsemmi fond lil Gunther u Jurgen ahwa Abela bejniethom u hatret nutar sabiex jigi ppubblikat il-kuntratt relattiv. Permezz tal-kuntratt tal-15 ta' Novembru, 2011, fl-atti tan-Nutar Timothy Ellis, gie ppubblikat l-imsemmi kuntratt ta' immissjoni fil-pussess.

Fi kwalunkwe kaz, minn qari tar-rikors tal-appell huwa pacifiku li l-validita` tat-testment ta' Connie Vella mhux qieghda tigi kkontestata bl-ebda mod, izda l-punt li jehtieg li jigi determinat huwa jekk bil-provvedimenti maghmula fl-istess testment, senjatament l-uzu u l-uzufrutt mhollija lill-konvenut appellat, ghandhomx effett fuq is-sehem ta' proprjeta` tal-attrici

appellanti Antoinette Debono u jekk il-konvenut hux qieghed jokkupa l-istess fond b'titolu validu fil-ligi.

Il-provvedimenti tal-ligi relevanti ghall-vertenza in ezami huma l-Artikoli 696, 697 u 698 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu:

> *"696. (1) Il-legat tal-haga ta` haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor u mhux tieghu; f`dan il-kaz il-werriet jista` jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b`legat sabiex ighaddiha lil-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha."*
>
> *(2) Izda, jekk il-haga hekk imhollija b'legat, ghalkemm tkun ta' haddiehor fi zmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ta' dik il-haga huwa validu.*
>
> *"697. Id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan ighoddu wkoll jekk il-haga mhollija b'legat tkun tal-werriet, jew tal-legatarju inkarigat fit-testment biex jaghtiha lil terza persuna.*
>
> *"698. Jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b`legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kenitx tieghu kollha."*

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li d-dikjarazzjoni imsemmija fl-Artikolu 696(1) hija tassattiva sabiex il-legat imholli jkun wiehed validu, altrimenti l-legat ikun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-proprjeta` li tkun tat-testatur, kif jipprovdi l-Artikolu 698. Fil-kawza fl-ismijiet **Paolo Zammit v. Rosa Zammit** deciza fit-28 ta' Gunju, 1957 (Vol: XLI. i. 488), din il-Qorti elenkat il-principji dottrinali li huma l-bazi tal-Artikolu 696. F'din is-sentenza nghad li "*skont il-ligi taghna, hija kondizzjoni essenzjali ghall-validita` tal-legat ta' haga ta' haddiehor id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-haga lil haddiehor*." Inghad ukoll li

ghalkemm mhux rikjesta ebda klawsola jew formola specjali, pero` huwa mehtieg li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni.

Inoltre f'sentenza ohra ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Borg pro et noe v. Doris armla ta' Carmelo Borg** tad-9 ta' Marzu, 1994 (Vol: LXXVIII. ii. 89), inghad li in vista tal-Artikolu 698, il-legat ta' haga ta' haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu. L-istess Qorti rriteniet ukoll illi n-nullita` tokkorri anki fejn l-oggett tal-legat kien biss in parti proprjeta` ta' terzi, u li f'din l-eventwalita` l-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oggett li jkun proprjeta` tat-testatur.

Dan l-istess principju huwa rifless mill-awtur Taljan **Ricci** meta jikkummenta hekk:

> "*la cosa legata puo` spettare al testatore in comunione con altra o piu` persone; in questo caso, il legato e' sempre valido per la parte che sulla cosa comune spetta al testatore; e quanto alle altre parti spettanti agli altri condomini, il legato e` valido od invalid secondo che dal testamento risultanti o no che il testatore conosceva spettare non solo a lui, ma ad altri eziandio la cosa legata*;"

F'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Mejju, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Agnes Borg v. Charles Zammit et** li kienet titratta talba ghal immissjoni fil-pussess ta' legat li kien in parti legat ta' haga ta' haddiehor meta ezaminat l-Artikolu 696 qalet:

*"Dan l-artikolu, pero', ma jfissirx dak li qed jigi sottomess mill-konvenuti. Mhux mehtieg, anke jekk l-oggett ikun f'idejn terzi barranin, li l-legatarju jitlob fil-kawza jew il-pussess jew il-valur tal-legat, ghax dina hija ghazla imhollija f'idejn il-werrieta, u huma dawn, jekk jigu azzjonisti (recte azzjonati) mil-legatarju ghall-immissjoni fil-pussess, li ghandhom jaghmlu l-ghazla jekk l-oggett ma jkunx gia fil-pussess taghhom. L-ghazla hija mixhuta fuq l-eredi, u mhux mehtieg tigi invokata jew mitluba mil-legatarju.*

*"Inoltre, minn qari ta' dan l-artikolu, jidher car li l-werrieta jkollhom dik l-ghazla f'kaz biss li l-oggett ma jkunx gia fil-pussess taghhom, ghax hu f'dak il-kaz biss li huma jistghu jezercitaw l-ghazla billi jew jakkwistaw l-oggett jew ihallsu l-valur tieghu. Jekk l-oggett ikun gia fil-pussess taghhom, huma jitqiesu li jkunu gia "akkwistawh" u kwindi ma tistax tigi invokata l-alternattiva li jhallsu l-valur tal-istess oggett. L-oggett ta' legat li jkun fil-mument tal-mewt tat-testatur, fil-possess tal-werrieta, irid jigi konsenjat lil-legatarju u, f'dawk ic-cirkustanzi, il-werrieta ma jkollux l-ghazla kontemplata fl-artikolu 696 tal-Kodici Civili."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta car li t-testatrici segwiet id-dispożizzjoni tal-ligi meta fit-tieni artikolu tat-testment fl-atti tan-Nutar Marthese Felice, tas-17 ta' Marzu, 2010, inghad:

*"It-testatrici qeghda thalli b'titolu ta' prelegat lil zewgha Mario Vella l-usu u l-usufrutt tal-intier tad-dar ta' residenza taghha numru sbatax (17) Triq Francesco Saverio Caruana Street, Birkirkara, bl-ghamara u bl-attrezzaturi kollha ta' gio fiha, sakemm jibqa' armel.*

*"**It-testatrici tiddikjara illi hija taf illi d-dar fuq imsemmija, kif ukoll l-ghamara u l-attrezzaturi ta' gio fiha, ma tappartjeniex kollha lilha, però xorta wahda trid illi dan il-prelegat ikollu l-pjen effett tieghu**.*

*"It-testatrici trid u tordna illi dan il-prelegat ghandu jigi rispettat mill-komproprjetarja l-ohra, ohtha Antoinette Debono, u mill-eredi ta' l-istess ohtha."*

Gialadarba t-testatrici segwiet id-dettam tal-ligi, din il-Qorti ma tarax kif il-pretensjonijiet tal-atturi jistghu jirnexxu. Jibda billi jigi osservat li ghalkemm l-atturi mhumiex l-eredi ta' Connie Vella, huma kollha legatarji, in kwantu huma nghataw sehem indiviz mill-proprjeta` in kwistjoni, sehem

indiviz mill-ghamara li ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u fil-kaz ta' Antoinette Debono, li diga kellha sehem ta' nofs indiviz tal-istess proprjeta` qabel il-mewt tat-testatrici, it-testment jipprovdi ghal diversi oggetti li thallewlha bhala legat, fosthom sehem indiviz mill-ghamara li ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz li huma provenjenti mill-wirt tal-familja taghha u s-somma ta' €11,000. Kwindi ghalkemm l-atturi appellanti jinsistu li mhumiex l-eredi tad-defunta Connie Vella, fil-kaz tal-atturi Helen Vella, Dottor Gunther Abela u Dottor Jurgen Abela, bhala legatarji jirrizulta li nghataw l-immissjoni fil-pussess tal-legati taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Timothy Ellis tal-15 ta' Novembru, 2011. L-attrici Antoinette Debono wkoll hija legatarja u bhala tali tista' tkun marbuta li ccedi legat ta' haga li tkun proprjeta` taghha f'dawk ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 696, 697 u 698 tal-Kodici Civili (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tas-6 ta' Frar, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Jane Rocco pro et noe v. Theresa Bianco et**).

Kwindi ladarba t-testatrici ghamlet l-istqarrija mehtiega fit-testment, li taf li l-uzu u l-uzufrutt imholli bi prelegat lil zewgha fuq l-intier tad-dar residenza taghha, numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara, ma kenitx tappartjeni kollha lilha, kif ukoll wriet b'mod car li din kienet l-ahhar xewqa taghha u ordnat lil ohtha Antoinette Debono, sabiex bhala komproprjetarja tirrispetta din ix-xewqa taghha, huwa al kwantu car li t-

testatrici riedet timponi dan il-prelegat ta' uzu u uzufrutt favur zewgha fuq is-sehem tal-attrici Antoinette Debono bhala kompropjetarja. Il-fatt li l-atturi huma biss legatarji m'ghandux ikun ta' ostakolu li titwettaq ir-rieda tat-testatrici u li l-konvenut jinghata l-uzu u l-uzufrutt fuq il-fond intier. Id-disposizzjonijiet testamentarji li bihom it-testatrici halliet il-prelegati u l-legati lill-konvenut saru sew, kif wara kollox saret ukoll l-istqarrija mit-testatrici hekk kif tipprovdi l-ligi sabiex il-legat fuq hwejjeg haddiehor ikun jiswa u ma tressqet ebda prova li l-atturi rrinunzjaw b'xi mod ghal-legati imhollija lilhom sabiex jehilsu mill-obbligu taghhom li jinghata l-prelegat favur il-konvenut appellat.

Kwalunkwe interpretazzjoni ohra li l-atturi appellanti jittantaw jaghtu ma taghmel ebda sens fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi li jridu jinqraw f'daqqa u mhux in izolament kif jittantaw jaghmlu l-atturi appellanti. Filwaqt li l-appellanti Antoinette Debono m'ghandha ebda obbligu li toffri ghall-bejgh jew titrasferixxi s-sehem taghha tan-nofs indiviz, izda ghandha obbligu li ccedi a favur il-konvenut appellat l-uzu u l-uzufrutt fuq is-sehem indiviz taghha tal-imsemmija proprjeta`. Ghalkemm l-attrici appellanti Debono akkwistat is-sehem taghha ta' nofs indiviz fuq l-imsemmija proprjeta`, ferm qabel ma dahal fix-xena l-konvenut appellat u ghalkemm hija setghet originarjament laqghet lill-konvenut appellat f'darha bi buona grazzja u b'rispett lejn ohtha, ladarba dawn bdew joqghodu maghha wara li zzewgu, u aktar importanti minn hekk, jirrizulta

li llum-il gurnata l-konvenut appellat huwa komproprjetarju maghha, in kwantu huwa sid ta' sehem ta' sest indiviz tal-istess proprjeta`, kif ukoll igawdi d-dritt reali ta' uzu u uzufrutt fuq il-proprjeta` kollha, li wara kollox diga tinsab fil-pussess tieghu, din il-Qorti ssib li l-aggravju tal-atturi appellanti ma jistax jintlaqa'.

Del resto l-Artikolu 732 tal-Kodici Civili jiddisponi li jekk il-haga mhollija b'legat tkun giet imghobbija b'uzufrutt, il-legatarju ghandu jehodha bil-piz li jkun hemm fuqha, u darba li t-testment huwa validu, ma jistax jinghad li l-appellat ma jgawdix dan id-dritt fuq il-proprjeta` in kwistjoni. Il-legatarju jakkwista l-jedd fuq il-haga moghtija lilu b'legat mal-mewt tat-testatur (ara Artikolu 721 tal-Kodici Civili), u dan il-jedd ma hux necessarjament marbut mal-pussess, li l-legatarji mhux necessarjament jitlob li jinghata jekk ikun diga' fizikament fil-pussess tal-haga. F'din il-kawza l-appellat mhux qed jitlob li formalment jitpogga fil-pussess tad-dritt imholli lilu, u kwindi din kwistjoni tezorbita mill-mertu tal-kawza, pero`, ma jistax lanqas jinghad, kif qed jitolbu l-atturi appellanti, li l-konvenut appellat ma ghandux dan il-jedd.

Hekk ukoll issib li t-tieni talba tal-atturi appellanti ma setghet qatt tirnexxi, in kwantu l-konvenut appellat ghandu titolu validu ta' komproprjeta`. Tajjeb li jigi mfakkar li l-Artikolu 491 tal-Kodici Civili, jipprovdi li kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-haga komuni. Pero` ghandu jigi

pprecizat illi dan hu hekk sakemm dak il-komproprjetarju ma jinqediex bil-haga kontra l-interessi tal-komunjoni jew b'mod li ma jhallix lill-komproprjetarji l-ohra jinqdew biha huma wkoll skont il-jeddijiet taghhom. Isegwi li ebda komproprjetarju (bhall-atturi appellanti) ma jista' jipprekludi lil komproprjetarju iehor (bhall-konvenut appellat) milli jaghmel uzu huwa wkoll mill-fond mizmum in komun.

Apparti minn hekk, fil-kaz tal-konvenut appellat, huwa ghandu mhux biss titolu validu ta' komproprjeta`, peress li ghandu s-sehem ta' sest indiviz tal-fond in kwistjoni, izda huwa fl-istess waqt ghandu titolu ta' uzu u uzufrutt fuq il-fond intier, mentri l-atturi appellanti huma n-nudi proprjetarji. Id-dritt ta' uzu u uzufrutt huma drittijiet reali (ara Artikoli 328 u 392 tal-Kodici Civili), li ghandhom bhala karatteristici, li huma assoluti u immedjati, tant li d-drittijiet ta' proprjetarji, inkluz id-disponibilita` tal-fond, huma limitati minhabba l-esigenza bazika li jirrispettaw dawk id-drittijiet tal-uzu u tal-uzufrutt.  L-atturi appellanti bhala nudi proprjetarji jkollhom id-dritt li jirkupraw it-tgawdija shiha tal-fond, flimkien mal-komproprjetarji l-ohra wara li jispiccaw id-drittijiet tal-uzu u tal-uzufrutt tal-konvenut appellat.  (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tas-6 ta' Ottubru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Paulina Stagno et v. Carmelo Bugeja et.**)

Isegwi li lanqas taht dan l-aspett, l-aggravju tal-atturi appellanti ma jista’ jirnexxi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi appellanti Helen Vella, Antoinette Debono, it-Tabib Gunther Abela u t-Tabib Jurgen Abela, billi ghalkemm ghal ragunijiet differenti minn dawk moghtija mill-ewwel Qorti, tikkonferma s-sentenza appellata tal-24 ta’ April, 2014, fl-ismijiet premessi u kwindi tichad l-appell interpost minnhom.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-istess atturi appellanti, *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm